# Id-Dutturi Nisa

Dr Pauline Dimech

Fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu, *Gaudete et Exsultate* [“Ifirħu u Thennew”], il-Papa Franġisku jikteb dwar is-sejħa għall-qdusija fid-dinja tal-lum. F’silta minn din l-Eżortazzjoni, il-Papa jgħid hekk:

> Fost il-bosta xorta, nixtieq nisħaq li anki l-“ġenju femminili” jidher fi stili femminili ta’ qdusija, indispensabbli biex il-qdusija ta’ Alla tiġi riflessa f’din id-dinja. U proprju anki fi żminijiet meta n-nisa fil-parti l-kbira tagħhom kienu jitħallew barra, l-Ispirtu s-Santu qajjem qaddisin nisa li l-faxxinu tagħhom qanqal dinamiżmi spiritwali ġodda u riformi importanti fil-Knisja. Nistgħu nsemmu lil Santa Ildegarda ta’ Bingen, Santa Briġida, Santa Katerina ta’ Siena, Santa Tereża ta’ Avila jew Santa Tereża ta’ Lisieux.”

Il-Papa jkompli billi jfakkar ukoll lill-qarrejja f’tant “nisa mhux magħrufa jew minsija li, kull waħda bil-mod tagħha, wieżnu u bidlu familji u komunitajiet sħaħ bil-qawwa tax-xhieda tagħhom.”[1] M’għandix dubju li kull mara tħossha titqanqal għal dan ir-rikonoxximent ġej mill-ogħla awtorità fil-Knisja.

Dan l-artiklu qasir se jittratta speċifikament dwar erba’ mill-ħames nisa msemmija b’isimhom f’din is-silta kkwotata mill-Eżortazzjoni tal-Papa, jiġifieri se jittratta lil Santa Ildegarda ta’ Bingen, Santa Katerina ta’ Siena, Santa Tereża ta’ Avila u Santa Tereża ta’ Lisieux. L-Iskop ta’ dan l-artiklu mhux daqstant li tingħata bijografija ta’ dawn il-qaddisin, jew li jsir eloġju dwar dak li rnexxielhom jagħmlu matul ħajjithom dawn in-nisa, imma hu li nispjegaw x’wassal lill-Knisja biex tqishom bħala Dutturi tagħha, x’wassalha biex tiddikjarahom bħala għalliema tal-Knisja u,

biex tistabbilixxi l-awtorità tagħhom fil-Knisja u fid-dinja. Meta l-Knisja ddikjarat lil dawn l-erba' nisa dutturi tal-Knisja, il-Knisja stqarret b'mod apert, li dawn in-nisa, mhux biss għexu ħajja ta' qdusija straordinarja, imma wkoll li ħallew warajhom tagħlim u kitbiet importanti li kulħadd għandu ħafna x'jitgħallem minnu. Se nsegwu l-ordni li fihom għexu, u mhux l-ordni li fihom ġew iddikjarati dutturi tal-Knisja, għalkemm dan tal-aħħar hu sinifikanti wkoll, anki għaliex it-tfittxija għal stqarrija bħal din, u l-proklamazzjoni ta' din l-istqarrija jirrifletti ħafna l-valuri tal-Papa ta' dak iż-żmien, kif ukoll jirrifletti dak li tkun għaddejja minnu l-Knisja u d-dinja f'dak l-istess żmien meta tkun saret l-istqarrija. Għaldaqstant, tajjeb ngħidu li l-proklamazzjonijiet saru f'din l-Ordni, u minn dawn il-Papiet: Tereża ta' Avila (1515-1582), mill-Papa Pawlu VI, fis-27 ta' Settembru 1970; Katerina ta' Siena (1397-1380), mill-Papa Pawlu VI, fl-4 ta' Ottubru 1970; Tereża ta' Lisieux (1873-1897), mill-Papa Ġwanni Pawlu II, fid-19 ta' Ottubru 1997; u Ildegarda ta' Bingen (1098-1179), mill-Papa Benedittu XVI, fis-7 ta' Ottubru 2012. Hawnhekk se nibdew b'tal-aħħar, għaliex, storikament, kienet l-ewwel li għexet.

## ILDEGARDA TA' BINGEN (1098-1179)

Ildegarda għexet fil-Ġermanja fit-tnax-il seklu. Twieldet fis-sena 1098, u mietet fl-1179 fl-età ta' 81. Ildegarda kienet ġejja minn familja nobbli, u l-familja tagħha kienu ddedikawha lil Alla sa minn twelidha.

Fis-6 ta' Marzu 1979, kienet saret talba lill-Papa Ġwanni Pawlu II, mill-President tal-Konferenza Episkopali Ġermaniża, u minn Kardinali, Isqfijiet tal-istess Konferenza, u oħrajn sabiex Ildegarda ta' Bingen tkun dikjarata Duttur tal-Knisja Universali. Dawn saħqu fuq il-kwalità tad-duttrina ta' Ildegarda, fuq il-qdusija tagħha, u fuq l-awtorità tal-kitbiet tagħha. Għaldaqstant, flimkien max-xewqa komuni li Ildegarda tiġi kanonizzata, żdiedet talba oħra: dik li tkun dikjarata "Duttur tal-Knisja Universali". Ildegarda kienet ilha li ġiet beatifikata sa mill-1326.[2] Ildegarda ġiet kanonizzata mill-Papa Benedittu XVI nhar l-10 ta' Mejju 2012.[3] Nhar Pentekoste, il-Ħadd, 27 Mejju 2012, il-Papa ħabbar li Ildegarda ta' Bingen u San Ġwann ta' Avila kienu se jingħataw it-titlu ta' Dutturi tal-Knisja. Dan seħħ fi Pjazza San Pietru, nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru 2012. L-okkażjoni kienet il-Konċelebrazzjoni

Solenni li biha nfetħet it-tlettax-il Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar *l-Evanġelizzazzjoni Ġdida għat-trasmissjoni tal-fidi nisranija*. Kienet ukoll lejliet is-sena tal-Fidi.[4]

Matul l-omelija ta' dakinhar tal-Proklamazzjoni ta' dawn iż-żewġ "dutturi tal-knisja," il-Papa jsejħilhom "żewġ figuri radjanti." Hu sinifikanti li l-Papa Benedittu XVI iddikjarahom dutturi tal-Knisja f'okkażjoni meta kienet qed issir riflessjoni dwar il-*Missio ad Gentes*, jew it-tħabbira tal-Vanġelu lil dawk li għadhom ma jafux lil Ġesù Kristu u l-messaġġ tiegħu ta' salvazzjoni, kif ukoll dwar l-*Evanġelizzazzjoni Ġdida*, immirata prinċipalment lejn dawk li, għalkemm mgħammda, tbiegħdu mill-Knisja u m'għadhomx jgħixu ta' nsara. Dwar Ildegarda, il-Papa qal hekk:

"Figura femminili importanti tas-seklu tnax, offriet il-kontribut prezzjuż tagħha biex il-Knisja ta' żmienha tkompli tikber, u ħaddmet id-doni li rċeviet minn għand Alla, u wriet li kienet mara ta' intelliġenza brillanti, sensittività profonda u awtorità spiritwali magħrufa minn ħafna. Il-Mulej żejjinha bi spirtu profetiku u kapaċità ferventi li tagħraf is-sinjali taż-żminijiet. Ildegarda rawmet fiha mħabba evidenti għall-ħolqien, u kienet mgħallma fil-mediċina, il-poeżija u l-mużika. Fuq kollox, żammet fiha mħabba kbira u fidila lejn Kristu u l-Knisja tiegħu."[5]

Bħala persuna, kellha doni umani rari, intelliġenza straordinarja u kienet kapaċi tapprezza d-dinja spiritwali. Ħadmet biex tissaħħaħ il-fidi nisranija, biex tiżdied il-prattika reliġjuża, biex tikkumbatti l-ereżiji,[6] biex tkabbar id-dixxiplina fost il-kleru. Il-kitbiet tagħha wasslu għal tiġdid fit-teoloġija, fil-liturġija, fix-xjenzi naturali u fil-mużika. Kienet għalliema kbira. Għallmet dwar il-ħajja komunitarja, il-kultura u l-liturġija.

Kienet soru Benedittina, iżda l-Papiet ta' żmienna apprezzaw il-kariżma tagħha. Il-Papa Ewġenju III (Papa minn Frar 1145 sa mewtu fl-1153), taha l-awtorità biex tikteb u titkellem fil-publiku. Wara dan, kienet mistiedna mill-Papiet ta' warajh: Adrijanu IV (Papa minn Diċembru 1154 sa mewtu fl-1159) u Alessandru III (Papa minn Settembru 1159 sa mewtu fl-1181) biex tkompli tikteb u tippriedka. Kitbet, ippritkat fi pjazez u f'katidrali. U vjaġġat ħafna. Il-kitbiet tagħha huma profondi ħafna u spiritwali. It-tagħlim tagħha hu profond, preċiż u

oriġinali. Nistgħu nitgħallmu minn dak kollu li qasmet mas-semmiegħa u l-qarrejja tagħha: mill-esperjenzi mistiċi tagħha, mill-kitbiet tagħha dwar ir-rivelazzjoni, kif ukoll mill-kitbiet tagħha dwar il-misteru ta' Alla. Benedittu XVI jgħidilna li l-kitbiet tagħha huma aqwa minn dawk ta' kull kittieba mara oħra fil-Medju-Evu, kemm għall-kwantità, kif ukoll għall-kwalità u għall-interessi differenti li jirriflettu.[7]

Mill-pinna tagħha stess għandna rakkonti tal-viżjonijiet tagħha, għandna bosta ittri, u għandna 58 priedka. Għandna xogħlijiet artistiċi li jiffukaw l-iktar fuq il-mużika, kif ukoll xogħlijiet li jittrattaw ix-xjenza naturali, u l-lingwa. Ildegarda tagħtina tagħlim dwar il-Kelma ta' Alla, kif ukoll tipprovdi duttrina dwar il-kant, speċjalment il-kant liturġiku. Fil-kitbiet tagħha nsibu antropoloġija żviluppata: il-bniedem xbieha ta' Alla, ġisem u ruħ, raġel u mara, u l-bqija. Tagħti wkoll deskrizzjoni tal-bniedem bħalha "*homo viator*," ħlejqa fuq vjaġġ. Fil-fatt, fl-Ittra Appostolika tiegħu, il-Papa Benedittu jgħid li t-tagħlim ta' din is-soru Benedittina qaddisa jservi bħala dawl għal kull bniedem, bħala *homo viator*.[8] Fil-kitbiet tagħha nsibu wkoll tagħlim dwar l-imitazzjoni ta' Kristu, is-sagramenti, il-Knisja u l-esperjenza ta' Alla. Titkellem dwar l-individwaliżmu fid-duttrina u fil-prattika kemm minn dawk li huma lajċi u kemm minn dawk li huma ministri ordnati. Titkellem ukoll dwar il-ħajja tal-virtù, speċjalment għal dawk li huma rġiel jew nisa kkonsagrati.

L-istudjużi jaqblu li l-istil tagħha hu speċjali: karatteriżżat minn oriġinalità, qawwa imaġinattiva, espressjoni poetika, simboli ta' rikkezza kbira, intuizzjonijiet straordinarji u metafori li jqanqlu l-ħsieb.[9] Jaqblu wkoll li d-duttrina ta' Ildegarda tirrifletti t-tagħlim tal-Appostli, tas-Santi Padri, u ta' kittieba ta' żmienha. Fl-istess ħin, kontinwament issib punt ta' referenza tagħha fir-Regola ta' San Benedittu. Dan jgħidu wkoll il-Papa fl-Ittra Appostolika tiegħu. [10]

## KATERINA TA' SIENA (1347-1380)

Katerina kienet mara straordinarja sa minn meta kienet għadha tifla. Kienet terzjarja Dumnikana, u baqgħet tgħix mal-familja. Kienet tgħix ħajja moħbija, ta' faqar, kastità u ubbidjenza, ta' penitenza u ta' talb. Kienet tħobb tgħid li kienet tiltaqa' ma' Alla fiċ-"ċella interjuri" ta'

qalbha. Fl-istess ħin kienet tagħmel ħafna karità. Kienet tmur l-isptar u żżur il-morda. Kienet tfittex il-pazjenti li kienu jbatu mill-lebbra, jew li kellhom tumur. Kien hemm xi nisa li bdew jingħaqdu magħha. Saret omm spiritwali għal ħafna nies. Meta tfaċċat il-pesta, kienet iddur bil-morda, tippreparahom għall-mewt u tidfinhom. Kienet iżżur il-ħabsijiet u taħdem ma' dawk li kienu kkundannati għall-mewt. Kienet magħrufa għall-qdusija tagħha, għall-għerf tagħha u għall-kapaċità tagħha li ġġib ir-rikonċiljazzjoni u l-paċi bejn familji, u mexxejja politiċi li kienu miġġildin bejniethom. Kien don li użatu għall-ġid tal-Knisja. Tat ħajjitha għall-Knisja, kif jgħid il-Beatu Rajmondu ta' Capua fir-rakkont tal-ħajja tagħha.[11] Fi żmienha, Ruma kienet fl-inkwiet. Il-Papa kien f'Avignon, fi Franza.

Għalkemm il-Knisja kienet qed tikkumbatti, Katerina baqgħet leali lejn il-Knisja, anki billi stinkat biex tegħleb il-firdiet li qamu wara l-mewt ta' Girgor XI (Papa minn 1370 sa mewt fl-1378). Urbanu VI (Papa minn April 1378 sa mewtu fl-1389 laħaq Papa f'Ruma, filwaqt li Klement VII, sar Papa f'Avignon fl-1378. Għaldaqstant, il-Knisja kienet maqsuma fiha nfisha. Kien żmien ta' taqlib, firda, u tbatija, magħruf bħala x-Xiżma l-Kbira.[12] Katerina kellha qalbha maqsuma fuq dawn il-firdiet fil-ġisem ta' Kristu. Baqgħet titlob għall-komunjoni u kompliet tagħti parir lil kull min kien lest li jismagħha: lill-Papa, lill-Kardinali, lis-slaten, lill-prinċpijiet u lill-Isqfijiet. Kienet tippretendi minn kull saċerdot: integrità sħiħa fil-ħajja personali, kif ukoll fil-ministeru pastorali tiegħu. Ma kienet tiddejjaq minn ħadd. Kienet titkellem b'ton ta' awtorità, u mhux l-ewwel darba li kkoreġiet qassisin, isqfijiet u kardinali.

Katerina kienet kittieba prolifika. Għad baqa' madwar 400 mill-ittri tagħha. Kapijiet tal-Knisja u tal-Istat sikwit kienu jfittxuha għall-għerf tagħha. Fost dawk li ġew mgħejjuna minnha, kien hemm Karlu V ta' Franza (Re bejn 1364 u mewtu, fl-1380) u Eliżabetta tal-Ungerija (1207-1231). Għalkemm ma kinitx irċeviet edukazzjoni formali, u għalkemm kienet tgħallmet taqra u tikteb meta kienet diġà adulta, kitbet ħafna. Bħala kotba, kitbet ktieb wieħed biss, bl-isem ta' *Djalogu*, trattat dwar il-Providenza ta' Alla, li hu rakkont tad-diskors intimu tagħha mal-Mulej li hi kienet tant tħobb, u li kienet tqis lilha nfisha bħala għarustu. Mietet

meta kellha biss 33 sena. L-influenza tagħha tinħass l-iktar minħabba fl-Ittri tagħha, li influwenzaw ħafna nies matul l-istorja, fosthom lil Tereża ta' Avila.

Kien Piju II li, fl-1461, ikkanonizza lil Katerina. Fl-1866, il-Papa Piju IX ddikjaraha, Ko-Patruna ta' Ruma, filwaqt li fl-1939, il-Papa Piju XII ddikjaraha t-tieni patruna tal-Italja, flimkien ma' San Franġisk ta' Assisi. Kien, imbagħad, il-Papa Pawlu VI li pproklamaha duttur tal-Knisja fl-1970. Dan minkejja li Katerina qatt ma kienet rċeviet edukazzjoni formali. Il-Papa Pawlu VI jgħid hekk għaliha: "Dak li l-aktar jolqtok fil-Qaddisa hu l-għerf li ssawwab fiha, il-mod tassew ċar, għoli u jgħaxxaq li bih għamlet tagħha l-veritajiet ta' Alla u l-misteru tal-fidi... ħaġa li iva setgħet tagħmel minħabba l-kwalitajiet naturali tagħha tassew tal-għaġeb, imma kien miraklu li għamlitha, għaliex għamlitha permezz tal-kariżma tal-għerf li taha l-Ispirtu s-Santu."[13] Ta' min jgħid ukoll li Katerina hi waħda mit-tlett Ko-Patruni tal-Ewropa, proklamata mill-Papa Ġwanni Pawlu II, f'*Motu Proprio* tal-1 ta' Ottubru, 1999.[14]

## TEREŻA TA' AVILA (1515-1582)

F'Udjenza Ġenerali, fis-Sala tal-Udjenzi Pawlu VI, nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar 2011, il-Papa Benedittu XVI, iddeskriva lil Santa Tereża ta' Avila, jew Tereża ta' Ġesù, bħala "waħda mill-quċċati tal-ispiritwalità nisranija taż-żminijiet kollha."[15] Tereża ddedikat ħajjitha lill-Knisja universali, ghalkemm ħajjitha għexitha fi Spanja. Kienet beatifikata mill-Papa Pawlu V fl-1614 u kanonizzata mill-Papa Girgor XV fl-1622. Kien il-Papa Pawlu VI li xandar lil Tereża ta'Avila bħala Duttur tal-Knisja. Dan sar fis-27 ta' Settembru 1970. B'hekk il-Knisja rrikonoxxiet il-kontribut universali li din il-qaddisa tat għal sekli sħaħ lill-Knisja Kattolika. Fost il-kotba l-iktar importanti tagħha, tajjeb li nsemmu, l-ewwelnett, l-awtobiografija tagħha: *El libro de la Vida* (Il-Ktieb tal-Ħajja), li hi sejħitlu *Libro de las misericordias del Señor*, il-ktieb tal-Ħniena ta' Alla. Fl-1566, Tereża kitbet *El Camino de Perfección* [It-Triq tal-Perfezzjoni]. Kienet kitba maħsuba għan-novizzi. Hawnhekk Tereża tipproponi programm intensiv ta' ħajja kontemplattiva għas-servizz tal-Knisja, li fil-bażi tagħha hemm il-virtujiet evanġeliċi u t-talb.

L-iktar xogħol mistiku magħruf ta' Tereża hu *El Castillo interior* [Il-Kastell Interjuri]. Kitbitu fl-1577, meta kienet fl-aħjar tagħha. Dan il-ktieb hu ri-interpretazzjoni tal-vjaġġ spiritwali tagħha u, fl-istess ħin, sistema ta' regoli li jirrigwardaw il-mod kif tista' tikber u tiżviluppa l-ħajja nisranija fit-triq tal-qudisja, immexxija mill-Ispirtu s-Santu. Fost is-simboli li tagħtina, għandna dak tal-Kastell b'sebgħat ikmamar li jirrappreżenta l-ħajja interjuri, u d-dudu tal-ħarir li jsir farfett, u li jirrifletti l-passaġġ minn dak naturali għal dak sopranaturali. Il-qaddisa hi ispirata mill-Iskrittura, u b'mod partikolari mill-Għanja tal-Għanjiet. Permezz tas-simbolu tal-Għarus u l-Għarusa, tispjega – fis-sebgħa kamra – l-erba' aspetti tal-ħajja nisranija: dik Trinitarja, dik Kristoloġika, dik Antropoloġika u dik Ekkleżjali.

Fost l-iktar punti saljenti fejn tidħol l-ispiritwalità ta' Tereża, wieħed jista' jsemmi: il-virtujiet evanġeliċi bħala l-bażi tal-ħajja kollha, umana u nisranija. Id-distakk minn dak li wieħed jippossedi, jiġifieri l-faqar evanġeliku; l-imħabba lejn xulxin bħala element essenzjali tal-ħajja komunitarja u soċjali. L-umiltà bħala mħabba lejn il-verità, id-determinazzjoni bħala frott tal-kuraġġ nisrani; t-tama teoloġika, li Tereża tiddeskrivi bħala għatx għall-ilma ħaj. Imbagħad ma rridux ninsew il-virtujiet umani: il-ħbiberija, il-verità, il-modestja, il-kortesija, il-ferħ u l-kultura.

Tereża kellha l-opportunità li tibni relazzjonijiet ta' ħbiberija spiritwali ma' ħafna qaddisin u b'mod partikolari ma' San Ġwann tas-Salib. Fl-istess ħin, kienet tmantni lilha nfisha bil-qari ta' Missirijiet il-Knisja: San Ġlormu, San Girgor il-Kbir u Santu Wistin. Sta Tereża tissuġġerixxi, u tinkoraġġixxi ħafna l-għaqda mal-figuri bibliċi l-kbar, kif ukoll smigħ tal-Kelma ta' Alla. Tħossha ħafna viċin tal-Għarusa fl-Għanja tal-Għanjiet u ma' Ġesù fl-Ewkaristija. Tinsisti fuq l-importanza tat-talb. It-talb hu approfondiment tar-relazzjoni ma' Alla, relazzjoni li taffettwa l-ħajja kollha tagħna. Iż-żmien li persuna tgħaddi fit-talb qatt ma jkun ħela ta' ħin. Dan il-ħin jgħin lil dak li jkun jagħraf il-mogħdija tal-ħajja u jitgħallem minn Alla kif iħobb lilu, lill-Knisja u lil ħutu. Il-Papa Benedittu XVI qal li, iktar milli pedagoġija, dik ta' Tereża hi "mistagoġija" tat-talb, jiġifieri interpretazzjoni tal-misteru tat-talb. Dan għaliex Tereża tgħallem lil min qed jaqra x-xogħlijiet tagħha, kif jitlob,

billi titlob miegħu. Mingħandha, nistgħu napprezzaw kif ikun l-għatx għal Alla li jeżisti fil-qiegħ tal-qalb, din ix-xewqa li naraw, li nfittxu lil Alla, li nitkellmu miegħu u li nkunu ħbieb tiegħu.

Tereża tgħallimna dwar l-umanità ta' Kristu. Tagħti importanza kbira lill-meditazzjoni fuq il-Passjoni ta' Ġesù u fuq l-Ewkaristija bħala preżenza ta' Kristu fil-Knisja, fil-ħajja ta' minn jemmen u fil-qalba tal-liturġija. Tereża tgħallem ukoll l-imħabba bla kundizzjonijiet lejn il-Knisja. L-għerf tagħha hu straordinarju, u ċerti għajdut tagħha jolqtu lil kull min jismagħhom: "Kollox ta' din id-dinja għad jgħaddi," "Tħalli xejn iħawdek, tħalli xejn ibeżżgħek. Kollox Jgħaddi." "Alla waħdu biżżejjed."

Il-Papa jispiċċa d-diskors tiegħu b'dan il-kliem: "Jalla l-eżempju ta' din il-qaddisa, ta' kontemplazzjoni profonda, u attività effettiva, iqanqal lilna wkoll biex kuljum niddedikaw ammont ta' ħin lit-talb, għal dan il-ftuħ għal Alla, għal dan il-vjaġġ, sabiex infittxu lil Alla, narawh, li niskopru l-ħbiberija tiegħu u hekk insibu l-ħajja tassew."[16]

## TEREŻA TA' LISIEUX (1873-1897)

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Awwissu 1997, fi stqarrija li għamel waqt il-Jum Dinji għaż-żgħażagħ, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħabbar, quddiem miljun żagħżugħ miġburin għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, f'Longchamp f'Pariġi, fi Franza, li Tereża ta' Lisieux kienet se tkun proklamata Duttur tal-Knisja. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jħabbar li bħala tweġiba għal bosta talbiet, u wara studju profond, Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ Imqaddes, soru professa tal-Karmelitani Skalzi, li dik is-sena kienet tagħlaq mitt mill-mewt tagħha, kienet se tkun imxandra duttur tal-Knisja f'Jum il-Missjoni, il-Ħadd, 19 ta' Ottubru 1997, fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Kellha tkun it-tielet mara li tkun meqjusa bħala Duttur, flimkien ma' Sta Katarina ta' Siena u Sta Tereża ta' Avila. Dakinhar, il-Papa qal hekk: "Xtaqt li nħabbar solennement dan l-avveniment hawnhekk għax il-messaġġ ta' Santa Tereża, mara żagħżugħa qaddisa hekk attwali għal żmienna, hija ta' interess partikulari għalikom, iż-żgħażagħ."[17] Dakinhar ukoll, il-Papa jsemmi l-imħabba tagħha lejn Alla, l-għotja radikali tagħha nfisha, is-sempliċità tal-ħajja tagħha, il-prattika tal-imħabba fraterna, l-imitazzjoni ta' Ġesù, ix-xewqa

profonda tagħha li kulħadd ikun imdawwal mill-fidi, it-tbatija fiżika tagħha, u l-prova tal-fidi, il-fedeltà tagħha, il-konvinzjoni tagħha li Ġesù kien ġust u ħanin, it-tama tagħha f'Ġesù, l-mħabba tagħha lejn il-Vanġelu, l-umiltà u l-faqar tagħha, il-fiduċja tagħha f'Alla l-Missier, l-għarfien tagħha tal-misteru ta' Kristu, u l-esperjenza personali tagħha tal-grazzja. Il-Papa isejħilha "għalliema (*mistress*) ta' għerf spiritwali," u patruna tal-missjonijiet. Għaldaqstant, jgħid li Tereża għandha post privileġjat fil-Knisja," u li t-tagħlim eminenti tagħha jistħoqqlu li jkun meqjus bħala fost l-aktar li jħalli frott.[18]

Sta Tereża ta' Lisieux ġiet imxandra duttura (it-33 waħda) mill-Papa Ġwanni Pawlu II fid-19 ta' Ottubru 1997, permezz ta' Ittra Appostolika. Hi t-tielet mara, wara Sta Katerina ta' Siena u Sta Tereża ta' Avila. Dakinhar, fi Pjazza San Pietru, li kienet mimlija bin-nies li ġew minn kull naħa tad-dinja, quddiem għadd kbir ta' kardinali, isqfijiet u arċisqfijiet, waqt ċelebrazzjoni ewkaristika solenni, il-Papa Ġwanni Pawlu II xandar bħala Duttur tal-Knisja Universali lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ Imqaddes b'dan il-kliem:

"Biex nilqa' x-xewqat ta' għadd kbir ta' ħuti fl-Episkopat, ta' kotra bla għadd ta' nsara mid-dinja kollha, wara li ħadt il-parir tal-Kongregazzjoni għall-kawżi tal-Qaddisin u l-vot tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi dwar id-duttrina għolja tagħha, b'għarfien sħiħ tal-ħaġa u b'deċiżjoni maħsuba sewwa, bil-qawwa tal-awtorità appostolika kollha tiegħi, niddikjara lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ Imqaddes, verġni, Duttur tal-Knisja Universali. Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."[19]

Fl-Omelija ta' nhar il-Ħadd, 19 ta' Ottubru, 1997, il-Papa Ġwanni Pawlu II jfakkar li Tereża qatt ma marret l-Università, jew studjat b'mod formali. Mietet żgħira, u sadanittant kienet se tkun meqjusa bħala duttur tal-Knisja, titlu, li kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II, jgħolliha bil-wisq iktar milli xi titlu akkademiku, fl-istima tal-komunità nisranija. Għalkemm għexet f'kultura li tgħolli r-raġuni u li kienet materjalista, ħarġet bil-"little way", "it-triq iċ-ċkejkna," li terġa' teħodna lura għal dak li hu fundmentali, li jwassalna għas-sigriet tal-istess eżistenza tagħna: l-imħabba divina li ninsabu fiha, u li hi preżenti f'dak kollu li hu tal-bniedem. Iżid jgħid li fi żminijietna, meta l-kultura hi waħda

tranżitorja, li tgħaddi, u li moħħha fil-pjaċir, din id-Duttur tal-Knisja hi "mogħnija b'effikaċità singulari, qawwa unika biex iddawwal il-moħħ u l-qalb ta' dawk li huma bil-għatx għall-verità u l-ħajja."[20]

Tereża hi magħrufa bħala il-fjura ċkejkna ta' Ġesù, *the Little Flower*. Kienet kanonizzata mill-Papa Piju XI fiż-17 ta' Mejju 1925. Fl-14 ta' Diċembru 1927, l-istess Papa laqa' t-talba ta' ħafna isqfijiet missjunarji, u xandarha, flimkien ma' San Franġisk Saverju, Patruna tal-missjonijiet. Kien il-ktieb tagħha bit-titlu *Histoire d'une Ame* (Lisieux 1898), *Storja ta' Ruħ*, li wassal biex Tereża tkun magħrufa mad-dinja. Id-duttrina spiritwali tagħha waslitilna l-aktar permezz ta' din l-awtobijografija tagħha, meħuda mit-tliet manuskritti li kitbet fl-aħħar snin ta' ħajjitha u ppubblikati sena wara mewtha. Kif jgħid il-Papa fl-ittra Appostolika li fiha jħabbar li kienet se tkun meqjusa bħala Duttur Universali, minn din l-awtobijografija jidher li ħajjitha kienet eżistenza li fiha Alla ried jagħti messaġġ preċiż għad-dinja, billi juri triq evanġelika, it-"triq iċ-ċkejkna", li kulħadd jista' jgħaddi minnha, għax kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija.[21]

Minbarra l-awtobiografija tagħha, Tereża kitbet żewġ volumi ta' ittri. Għandna 26 *Lettres*, miktubin lill-qraba, lis-sorijiet, lil "ħutha" l-missjunarji. Il-Papa jsejħilhom "eżerċizzju tassew għoli ta' direzzjoni spiritwali tal-erwieħ." Mal-kitba tagħha hemm ukoll 54 *Poésies*, xi wħud minnhom ta' profondità kbira teoloġika u spiritwali, ispirati mill-Iskrittura. Ma' dawn irridu nżidu 8 Rexti, jew *Récreations pieuses*: kitbiet poetiċi u teatrali li ħolqot Tereża għall-komunità tagħha fl-okkażjoni ta' xi festi, skont it-tradizzjoni tal-Karmelu. Fost il-kitbiet l-oħra tagħha, irridu nsemmu t-talb tagħha. Għandna 21 talba (*Priéres*). Lanqas m'għandha tintesa l-ġabra tal-aħħar kelmiet li qalet fl-aħħar xhur ta' ħajjitha. Dan il-kliem, li tiegħu hemm verżjonijiet differenti, huma magħrufin bħala *Novissima verba*, jew ukoll, bit-titlu ta' *Derniers Entretiens*.

Santa Tereża tal-Bambin Ġesù hi d-Duttur tal-Knisja l-aktar qrib tagħna fiż-żmien. Barra minn hekk, Tereża hija l-iżgħar waħda fost id-dutturi tal-Knisja. Mietet ta' 24 sena.[22] Kif jgħid il-Papa, laħqet il-kobor sħiħ ta' qdusitha f'nofs żgħożitha.[23] Minkejja l-età tagħha, il-mogħdija spiritwali tagħha hi matura u mħeġġa, l-intuwizzjonijiet tal-fidi li wieħed isib fil-kitbiet tagħha huma mill-iktar vasti u profondi, tant li ħadd ma

jista' jiddubita li tassew jisthoqqilha li tkun fost l-aqwa għalliema tal-ħajja spiritwali. Fl-iskola tal-Vanġelu, Tereża turi liż-żgħażagħ il-mogħdija tal-maturità nisranija. Issejħilhom għal ġenerożità, tistedinhom jibqgħu fil-Knisja bħala dixxipli u jkunu xhieda tal-karità ta' Ġesù. Tajjeb ngħidu wkoll li Tereża hi maħbuba u milqugħa anki minn membri ta' komunitajiet insara oħra, u wkoll minn min mhuwiex nisrani.

L-aspetti ewlenin tad-"duttrina tassew għolja" ta' Tereża huma dawn: L-ewwelnett, kif tgħidilna l-Ittra Appostolika "*Divini Amoris Scientia*": il-kariżma partikolari ta' għerf evanġeliku li kellha.[24] Fil-kitba ta' Tereża ma nsibux, kif insibu fil-kitba ta' dutturi oħra, preżentazzjoni xjentifika tal-veritajiet ta' Alla, imma naqraw ħajja li tixhed imħabba kbira, fidi qawwija, u fiduċja kbira fil-ħniena ta' Alla. It-tieni punt: Tereża kienet vera għalliema tal-fidi u tal-ħajja nisranija. Kif jgħid il-Papa, Tereża fehmet b'mod partikolari r-realtà tal-Ġisem mistiku ta' Kristu, il-ħafna kariżmi, u d-doni tal-Ispirtu s-Santu. Fehmet il-qawwa tassew kbira tal-imħabba, u anki l-misteru u l-mixja ta' Marija omm Ġesù. Minkejja tħejjija limitata u n-nuqqas ta' mezzi fejn jidħol studju u t-tifsir tal-Iskrittura, minkejja li ma kinitx taf l-Ebrajk u l-Grieg, Tereża kisbet għarfien għoli ħafna tar-rivelazzjoni. Fittxet l-esiġeżi spiritwali tal-Kelma ta' Alla, u sabet ħafna teżori moħbija. Kif tgħid l-Ittra Appostolika, Tereża tgħallimna l-importanza li għandhom għall-ħajja spiritwali l-għejjun tal-Bibbja, tgħallimna kemm hu oriġinali l-Evanġelju u kemm jiswa għal kull żmien. Barra minn hekk, tgħallimna dwar l-għaqda bejn l-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu.[25]

L-Ittra Appostolika tal-Papa tfakkarna wkoll li, sa minn żgħożitha, Tereża tmantniet bid-duttrina tal-Knisja, bit-tagħlim tal-*Imitazzjoni ta' Kristu*, it-testi spiritwali ta' Santa Tereża ta' Avila, u d-duttrina mistika ta' San Ġwann tas-Salib. Fl-istess ħin, Tereża titkellem b'qawwa, b'awtorità u b'ħila kbira. Għandha kapaċità li tipperswadi lil min jaqra x-xogħolijiet tagħha. Fil-fatt, sa minn kmieni, it-tagħlim tagħha ġie milqugħ mill-Knisja bħala awtorevoli, u nsibu ħafna referenzi għalih f'ħafna dokumenti tal-Maġisteru ordinarju tal-Knisja, speċjalment meta dawn jitkellmu dwar il-vokazzjoni kontemplattiva, jew dik missjunarja, jew inkella dwar il-fiduċja f'Alla ġust u ħanin, il-ferħ nisrani, jew il-vokazzjoni għall-qdusija.

## KONKLUŻJONI

F'dan l-artiklu ġew trattati erba' nisa: Santa Ildegarda ta' Bingen, Santa Katerina ta' Siena, Santa Tereża ta' Avila u Santa Tereża ta' Lisieux. Kif għedna iktar 'il quddiem, meta l-Knisja ddikjarat lil dawn l-erba' nisa dutturi tal-Knisja, il-Knisja stqarret b'mod apert, li dawn in-nisa, mhux biss għexu ħajja ta' qdusija straordinarja, imma wkoll li ħallew warajhom tagħlim u kitbiet importanti li kulħadd għandu ħafna x'jitgħallem minnu. L-iskop ta' dan l-artiklu kien li nispjegaw x'wassal lill-Knisja biex lil dawn in-nisa tqishom bħala Dutturi tagħha, x'wassalha biex tiddeċiedi li l-vuċi tagħhom kienet ta' min joqgħod fuqha, u li kliemhom u kitbiethom kellhom ikunu meqjusa bħala awtorevoli. Ippruvajna nifhmu xi ftit, x'kien il-kontribut teoloġiku u uman li kull waħda minn dawn l-erba' nisa ħalliet lid-dinja u lill-Knisja. Għal dan il-għan segwejna l-ordni li fihom għexu, għalkemm din l-ordni ma taqbilx eżatt mal-ordni li fiha ġew iddikjarati Dutturi tal-Knisja. Hemm ħafna x'wieħed jgħid dwar il-ħsibijiet filosofiċi u teoloġici, kif ukoll ir-raġunijiet soċjali u politiċi, li wasslu lill-Knisja biex tiddikjara lil dawn in-nisa dutturi, u li tagħmel dan fi żmien meqjus bħala opportun. Iżda dan l-artiklu ma kienx jippermetti li aħna nidħlu fid-dettall dwar dan. Ngħidu biss li, dawn l-erba' personaġġi jistgħu jservu ta' ispirazzjoni, ta' tama u ta' kuraġġ, għal kull nisrani u nisranija, anki jekk forsi għad irridu nistennew mhux ħażin qabel ikollna mara miżżewġa, u forsi wkoll omm, proklamata bħala duttur tal-Knisja.

## Noti

1. Papa Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika, *Gaudete et exsultate* ["ifirħu u thennew", Dwar is-sejħa għall-qdusija fid-dinja tal-lum. Ruma: San Pietru, 19 ta' Marzu, 2018. Miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard. Par.12. Ara http://www.laikos.org/GE.htm.
2. Ildegarda kienet ġiet beatifikata mill-Papa Ġwanni XXII fis-26 ta' Awissu 1326.
3. Il-Papa Benedittu XVI kien iddedika żewġ Udjenzi Ġenerali minn Castel Gandolfo, lil Ildegarda ta' Bingen: dik ta' nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru u dik ta' nhar l-Erbgħa 8 ta' Settembru 2010. Wieħed jista' jsib dawn id-diskorsi fuq il-website tal-Vatikan.

4. Is-Sena tal-Fidi bdiet fil-11 ta' Ottubru 2012, għeluq il-ħamsin sena mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II, u l-għoxrin sena mill-pubblikazzjoni tal-Katekizmu, u għalqet fil-Festa ta' Kristu Re, fl-24 ta' Novembru 2013.
5. Benedittu Papa XVI, Omelija Quddiesa tal-Ftuħ tas-Sinodu tal-Isqfijiet, u l-Proklamazzjoni ta' San Ġwann ta' Avila u Santa Ildegarda ta' Bingen bħala "Dutturi Tal-Knisja," Pjazza San Pietru, Il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2012. Maqluba *għall-Malti minn Francesco Pio Attard.* http://www.laikos.org/sinodu-2012-omelija-ftuh.htm
6. B'mod partikolari, Ildegarda kkumbattiet l-ereżija tal-Katari, jiġifieri, ta' dawk il-predikaturi itineranti fi Franza li kienu jqisu l-Knisja Kattolika Rumana bħala moralment, spiritwalment u politikament korrotta, u lilhom infushom bħala l-uniċi nsara vera.
7. "The Corpus of her writings, for their quantity, quality and variety of interests is unmatched by any other female author of the Middle Ages." Benedittu XVI, Ittra Appostolika, "Santa Iledgarda ta' Bingen dikjarata Duttur tal-Knisja Universali," San Pietru, Ruma, 7 ta' Ottubru 2012. https://w2.vatican.va/content/benedict-xvi/en/apost_letters/documents/hf_ben-xvi_apl_20121007_ildegarda-bingen.html. Ara par 3.
8. Benedittu XVI, Ittra Appostolika, "Santa Iledgarda ta' Bingen," par.7.
9. Benedittu XVI, Ittra Appostolika, "Santa Iledgarda ta' Bingen," par.3.
10. Benedittu XVI, Ittra Appostolika, "Santa Iledgarda ta' Bingen," par.7.
11. Rajmondu ta' Capua, *Life of Saint Catherine of Siena,* Book III, Chap. IV. Ara Ġwanni Pawlu Papa II, Ittra Appostolika, *Motu Proprio*, li fiha ġew prokalamati Ko-Patruni tal-Ewropa, Santa Briġida tal-Iżvezja, Santa Katerina ta' Siena u Edith Stein (Santa Tereża Benedetta tas-Salib), f'San Pietru f'Ruma, nhar l-1 ta' Ottubru, 1999, par.7.
12. Din kienet xiżma li seħħet fil-Punent: il-Knisja Kattolika Rumana nqasmet fiha nfisha. Kienet firda li damet bejn 1378 u 1417. Matul dan iż-żmien, kien hemm sa tliet figuri li fl-istess żmien iktar minn raġel wieħed li saħħqu li huma kienu l-Papa awtentiku. Kienet xiżma mmexxija mill-politika, u mhux minn xi diżgwid teoloġiku. Kien il-Konċilju ta' Kostanza (1414 u 1418) li temm din ix-Xiżma.
13. AAS 62 (1970) p.675. Ikkwotata fl-Ittra Appostolika "*Divini Amoris Scientia*" li fiha l-Papa Ġwanni Pawlu II ddikjara lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ Imqaddes Duttur tal-Knisja Universali. Ara par.7.
14. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika, *Motu Proprio*, li fiha ġew Prokalamati Ko-Patruni tal-Ewropa, Santa Briġida tal-Iżvezja, Santa

Katerina ta’ Siena u Edith Stein (Santa Tereża Benedetta tas-Salib), f’San Pietru f’Ruma, nhar 1 ta’ Ottubru, 1999.

15. “One of the peaks of Christian spirituality of all time.” Papa Benedittu XVI, “Santa Tereża ta’ Avila,” Udjenza Ġenerali, fis-Sala tal-Udjenzi Pawlu VI, nhar l-Erbgħa 2 ta’ Frar 2011. http://w2.vatican.va/content/benedict-xvi/en/audiences/2011/documents/hf_ben-xvi_aud_20110202.html
16. Benedittu XVI, “Santa Tereża ta’ Avila,” Udjenza Ġenerali ta’ nhar l-Erbgħa 2 ta’ Frar 2011.
17. Papa Ġwanni Pawlu II, Stqarrija waqt il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, il-Ħadd, 24 ta’ Awissu 1997, f’Longchamp, f’Pariġi, waqt l-Angelus. https://www.littleflower.org/therese/doctor-of-the-church/pope-john-paul-iis-statement/.
18. Ibid., par.3.
19. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika “*Divini Amoris Scientia*,” li fiha Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ Imqaddes ġiet proklamata Duttur tal-Knisja Universali, fid-19 ta’ Ottubru 1997. Maqluba għall-Malti minn *Antoinette Degabriele*. Ara Par.12.
20. Papa Ġwanni Pawlu II, Omelija tal-Quddiesa li saret fi Pjazza San Pietru, li matulha Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ Imqaddes ġiet proklamata Duttur tal-Knisja Universali, fid-19 ta’ Ottubru 1997.
21. Din it-triq hi “it-triq evanġelika tal-qdusija ta’ kulħadd.” Ara Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika “*Divini Amoris Scientia*.” Ara Par.2.
22. It-32 Duttur tal-Knisja proklamati qabilha għexu medja ta’ 64 sena. L-iżgħar waħda kienet Katerina ta’ Siena li mietet ta’ 33 sena.
23. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika “*Divini Amoris Scientia*,” par.11.
24. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika “*Divini Amoris Scientia*,” par.7.
25. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika “*Divini Amoris Scientia*,” par.9.